# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 3**

**Rikors numru 30/15/1 FDP**

**Avukat Dr Johnaton Abela bħala mandatarju speċjali tal-kumpanija estera Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd, b'uffiċċju reġistrat ġewwa Kai Ping City, Ċina**

**vs**

**Frank Cachia eżerċitanti l-kummerċ bl-isem ta' AGV Group Malta u b'digriet tad-9 ta' Novembru 2015, il-Qorti tappunta lil Dr Mark Mifsud Cutajar u l-PL Luisa Tufigno bħala kuraturi deputati għall-assenti Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg.**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' din il-kawża, l-attriċi qiegħda titlob biex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas €66,938 flus minnha lilu mħallsa konnessi ma' merkanzija li qatt ma rċeviet.

2. Fuq talba tal-konvenut, ġew ikkjamati fil-kawża Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg, rappreżentati minn kuraturi tal-elenku.

3. B'sentenza tal-5 ta' Marzu 2020 l-Prim'Awla ddikjarat lill-konvenut unikament responsabbli u kkundannatu jħallasha €25,000.

4. Il-konvenut appella mis-sentenza.

5. L-ewwel aggravju tiegħu hu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ma laqgħetx l-ewwel eċċezzjoni tiegħu li illi l-mandatarju m'għamilx il-prova li hu awtorizzat li jressaq it-talbiet tas-soċjetà barranija u m'hemm esebita l-ebda kopja tal-prokura jew dokumentazzjoni li tikkonferma li l-esponenti huwa tassew il-mandatarju ta' din is-soċjetà estera u għalhekk fin-nuqqas ta' din il-prova ma tistax il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi tiġi milqugħa peress li din il-prova hija meħtieġa mil-liġi u n-nuqqas ta' din l-awtorizazzjoni trendi dawn il-proċeduri nulli.

6. It-tieni aggravju hu li l-konvenut mhuwiex il-leġittimu kontradittur.

7. It-tielet u r-raba' aggravji huma dwar allegat apprezzament ħażin tal-provi.

8. Il-ħames aggravju huwa dwar il-kap tal-ispejjeż.

9. Il-Qorti sejra qabel xejn titratta l-ewwel aggravju billi jekk jiġi milqugħ, ma jkunx hemm bżonn li jiġu kkunsidrati l-aggravji l-oħrajn għaliex tintlaqa' l-ewwel eċċezzjoni u s-sentenza tal-Ewwel Qorti tiġi mħassra. Dwar il-prokura, l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> "1. Jirriżulta illi, dwar l-eċċezzjoni li r-rikorrent, ma huwiex il-mandatarju tas-soċjeta' Ċiniża, il-Qorti tosserva illi, fil-mori tal-proċeduri, ir-rikorrent nomine ippreżenta affidavit ta' Antonio Auguliaro, rappreżentant tas-soċjeta' Ċiniża Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd fejn, fost affarijiet oħra, ippreżenta prokura maħruġa lir-rikorrenti nomine fit-22 ta' Settembru 2014.
>
> 2. Jirriżulta illi, abbażi ta' tali prokura, illi tidher awtentikata minn Nutar Ċiniż, Zhao Jing, fl-istess 22 ta' Settembru 2014, il-Qorti ma għandha ebda raġuni illi tiddubita n-nomina tar-rikorrent Dr Johnaton Abela bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' Ċiniża Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd – madanakollu, tosserva illi tali prokura messha ġiet ippreżentata **kontestwalment** mal-proċeduri odjerni, u mhux ftit anqas minn sentejn wara illi nieda l-proċeduri odjerni."

10. L-appellat ma ppreżentax risposta tal-appell iżda deher fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2024 u rrefera l-Qorti għan-nota ta' sottomissjonijiet li kien ippreżenta quddiem l-ewwel Qorti. F'dik in-nota sempliċiment straħ fuq Dok. JA1 minnu esebit waqt l-udjenza tas-7 ta' Diċembru 2016.

11. Dan id-dokument jikkonsisti f'reżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tat-22 ta' Settembru 2014 li tawtorizza lill-Avukat Dottor Johnaton Abela jidher f'isem il-kumpanija China Guangdong Kaiping Huihua Waste Recycle Limited Company f'għadd ta' tranżazzjonijiet fosthom li jirrappreżentaha fil-kawżi. Ir-riżoluzzjoni hija miktuba bl-Ingliż u ffirmata

minn ċertu Donghaiming Hezhouxin, "Company Secretary". Huwa awtentikat min-Nutar Zhao Jing iżda l-firma tiegħu jidher li hi stampata. Iċ-ċertifikazzjoni hija biċ-Ċiniż u hemm traduzzjoni tagħha bl-Ingliż, mhux iffirmata.

12. Din il-Qorti tinnota li l-isem tal-kumpanija attriċi huwa Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd., b'uffiċċju reġistrat ġewwa Kai Ping City, iċ-Ċina. Dan mhuwiex identiku għall-isem tal-kumpanija li allegatament ħarġet il-prokura.

13. Art. 627 tal-kodiċi ritwali jirreferi għal sensiela ta' **atti tal-Gvern ta' Malta** li huma ammissibbli bħala prova **bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom.**

14. B'kuntrast ma' dan, l-Art. 628 jinħtieġ li atti ta' **Gvernijiet, dipartimenti tal-Gvern, Qrati u stabbilimenti barranin** huma ammissibbli bħala prova bħall-atti tal-Gvern ta' Malta msemmijin fl-Art. 627 kemm-il darba jkunu "**awtentikati mir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, jew minn xi persuna fis-servizz diplomatiku, konsulari, jew f'xi servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li b'arranġamenti tal-Gvern ta' Malta jkun qed jirrappreżenta l-interessi ta' dan il-Gvern f'dak il-pajjiż, jew minn awtorità oħra kompetenti, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu".**

15. Atti u reġistri tan-Nutara Pubbliċi **ta' Malta** jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju **basta li tkun ippruvata l-awtentiċità tagħhom** (Art. 629 (ċ) Kap. 12).

16. Min-naħa l-oħra, l-atti u r-reġistri ta' **nutara pubbliċi ta' pajjiżi barranin** huma ammissibbli u jippruvaw dak li jkun fihom bl-istess mod bħall-atti msemmijin fl-Art. 627, **basta jkunu awtentikati skont l-Art. 628**.

17. Għalhekk mhux biżżejjed li r-riżoluzzjoni fuq imsemmija li taħtar lill-avukat Abela bħala prokuratur hija ċċertifikata minn Nutar Ċiniż; għaliex att nutarili Ċiniż irid ikun huwa stess iċċertifikat minn persuna awtorizzata skont l-Art. 627 suċċitat.

18. Huwa minnu li prokura tista' tkun anke verbali. B'danakollu, f'dan il-każ, il-pretiża prokura hija waħda miktuba. Għalhekk trid tkun konformi mal-formalitajiet li trid il-liġi.

19. Kuntrarjament għall-ewwel Qorti, din il-Qorti mhix sodisfatta bil-provi dwar in-nomina tar-rikorrent Dr Johnaton Abela bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà attriċi. Ir-Rikors Ġuramentat ġie ppreżentat fl-14 ta' Jannar 2015. L-istrument ta' prokura, maħruġ fit-22 ta' Settembru 2014,

ġie ppreżentat fl-atti tal-Qorti fis-7 ta' Diċembru 2016. Dan minkejja li l-Avukat Johnaton Abela xehed li l-mandat u d-dokumenti l-oħra rċevihom qabel ma fetaħ il-kawża. Mistoqsi l-għala ppreżenta l-prokura dakinhar li għalaq il-provi tiegħu wieġeb li ma jafx (Fol. 127). Ma qalx li għax nesa. Iċ-ċirkostanza li din il-prokura, li kellha tiġi esibita kontestwalment mar-rikors maħluf, ġiet ippreżentata sentejn wara, dakinhar tal-għeluq tal-provi tal-attur, u f'kopja mhux awtentikata skont il-liġi tkompli tqajjem id-dubji tal-Qorti dwar il-ġenwinità tagħha. Iktar u iktar meta l-attriċi hija allegatament rappreżentata minn Avukat. L-aħjar prova ma tressqitx. Dan apparti li l-isem tal-mandant ma jaqbilx u mhix iffirmata min-nutar li jiċċertifikaha. Lanqas tressqet xi forma oħra ta' prova tal-mandat bil-modalità u fil-livell li trid il-liġi.

20. Tenut kont li din il-Qorti qed issib li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa fondat u ser tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, m'hemmx lok li l-Qorti titratta l-aggravji l-oħrajn.

***Decide***

21. Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

22. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-istess konvenut appellant, peress li qed issib illi l-attur appellat ma għamilx il-prova li hu awtorizzat li jressaq it-talbiet attriċi f'isem is-soċjetà estera attriċi. Għalhekk, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

23. Spejjeż taż-żewġ istanzi a kariku tal-attur Av. Dr. Johnaton Abela.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da